**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**L-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni**
**(Spettur Hubert Gerada)**

**vs**

**Mohamed Ahmed Osman**

**Illum, 28 ta' Lulju, 2021**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Mohamed Ahmed Osman**, ta' 23 sena, iben Osman u Zebejda, imwieled is-Sudan, nhar l-4 ta' Jannar, 1998, ta' nazzjonalita' Sudaniża, residenti ġewwa HTV, limiti ta' Birżebbuġa, u detentur tan-numru tal-Pulizija 20Z-083;

Akkużat talli fit-28 ta' Lulju, 2021, u/jew fil-jiem, ġimgħat jew xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-gżejjer:

1. Iffalsifika, biddel jew għamel xi tibdil f'passaporti, jew uża jew kellu fil-pussess tiegħu xi passaport li hu kien jaf li ġew iffalsifikati, mbiddla jew li sar xi tibdil fihom (Kap. 61, *Sec*. 5 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Kif ukoll talli xjentement għamel użu minn xi dokumenti oħra ffalsifikati (Kap. 9, *Sec*. 189 tal-Liġijiet ta' Malta);

3. Kif ukoll mingħajr awtorita` leġittima, uża jew kellu fil-pussess tiegħu xi dokument, meħtieġ għall-finijiet ta' dan l-att, li jkun falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217, *Sec*. 32(1)(f) tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti;

Semgħet lill-imputat jirreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, liema ammissjoni huwa kkonfermaha, u dan wara li l-Qorti, *ai termini* tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatu bil-konsegwenzi legali ta' din l-ammissjoni u kkonċediet żmien biżżejjed sabiex jerġa' jaħsibha u jerġa' lura minnha;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, il-Qorti ma tistax ħlief issibu ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Għall-fini ta' piena, il-Qorti qiegħda tieħu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, li kkopera mal-Pulizija waqt l-investigazzjoni tagħha, inkluż ukoll, mill-banda l-oħra, in-natura serja tal-imputazzjonijiet odjerni.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikoli 17 u 189 tal-Kodiċi Kriminali, u l-Artikolu 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat **Mohamed Ahmed**

**Osman** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għal piena ta' sitt (6) xhur priġunerija effettiva.

Tordna l-konfiska ta' Dok HG 7 *ai termini* tal-Artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali.

Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni għall-ħlas tal-ispejjeż in konnessjoni mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali *stante* li ma ġewx maħtura esperti f'dawn il-proċeduri.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat